**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 17 ta' Lulju, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**-vs-**

**Abdul Hamid Adam Zakkaria, detentur tal-Karta tal-Identita` bin-numru 67906A u numru tal-Pulizija 11H005**

*Kumpilazzjoni Nru. 76/2018*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Abdul Hamid Adam Zakkaria u cioe` talli:

Nhar is-26 ta' Jannar, 2018 bejn id-09:00 u d-09:45 ta' filgħodu, ġewwa Pjazza Sir Luigi Preziosi, Floriana:

a) Attakka b'arma regulari jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku, u ċioe' **PS1010, PC770 u PC281** filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-ezekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skont il-Liġi mill-awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-artikolu 96 u 97 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC770 Terence Sciberras u dan skond kif ġie iċċertifikat minn Dr. S. B. Das Med reg. no. 2141 miċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Furjana u dan bi ksur tal-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

c) Volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' **PS1010 Andrea Zahra** permess ta' strument li jaqta' jew iniggeż hekk skond ma iċċertifika Dr. S. B. Da**s Med reg no. 2141** miċ-ċentru tas-Saħħa tal-Floriana u dan bi ksur tal-artikolu 221(1)(2) Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

d) Inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inarigat skondil-Liġi minn servizz pubbliku ċioe' **PS1010, PC770 u PC281** waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kien jagħmlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżahom jew li jinfluwxxu fuqhom kontra l-Liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

e) Naqas li jobdi l-ordnijiet leġġitimi mogħtija lilu minn **PS1010, PC770 u PC281** uffiċjali pubbliċi waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħalliex jew fixkel jew indaħal lil imsemmi uffiċjali waqt il-qadi ta' dmirijiethom dan bi ksur tal-artikolu 338(ee) Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

f) Ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorti jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artiklu 6 tal-Kapitlu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;

g) Kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'għajjat u bil-ġlied;

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tal-15 ta' Mejju, 2018,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a. Fl-artikoli 95, 96(a), 97 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(d), 221(1)(2) u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 (L-Ordinanza dwar l-Armi) tal-Liġijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[1] Fol.71

f. Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat:

Illi l-**Ispettur Priscilla Caruana Lee** spjegat kif l-imputat kien intlemah fuq fit-tarf tas-sur u meta dan nizel u kien qed jitkellem ma kuntistabbli. Xhin wasslu tal-RIU attakkhom b'mus.[2]

Ittiehdet **stqarrija** lill-imputat fejn dan wera x-xewqa tieghu li jirritorna lejn ic-Chad. Spjega li hu ma ghandux familja u jorqod fit-triq filwaqt li qal li kien izzomm mus fil-but ghax gieli gie attakkat.[3] Ammetta li l-mus kien f'idejh izda ghalqu fuq struzzjonijiet tal-pulizija, dahhlu fil-but izda kienu l-pulizija li regghu harguh. Qal li l-pulizija kienu aggressivi mieghu w bdew ittuh bis-sieq u bil-ponn u huwa rritalja bis-sieq izda ma wegga' lill-ebda Pulizija. Sahaq li kienu l-pulizija li aggredewh u nnega li qal xi kliem '*alla hu akbar*" jew li bezaq fil-karrozza tas-servizz.[4]

Illi **PC281 Damien Scott McKay** xehed kif fis-26 ta' Jannar, 2018, fil-hin li kien ghassa mal-Ambaxxata Torka fil-Furjana, sema' xi ghajjat gej mill-boghod u lemah ragel miexi fuq it-tarf tas-sur wara r-railing jghajjat fid-direzzjoni tal-Port il-Kbir u f'idu kellu qisu zokk ta' sigra. Kif qareb lejh dan rah, niezel u nehha z-zokk minn idu w tefghu mal-art.[5] L-imputat beda jghid li kienu serqulu hwejjgu li kien halla barra. Deher stressat u peress li kien lahaq sejjah ghall-assistenza beda jipprova jikkalmah. Kif ikkalma li beda jghidlu li kellu appuntament l-isptar u wrieh xi karti, ix-xhud kompla jbieghed iz-zokk. L-imputat qabad il-karti biex juri li kellu appuntament l-isptar izda l-mus hallieh hemm. Il-kuntistabbli ghazel li jallontana ruhu u jkompli bl-ghassa mal-Ambaxxata filwaqt li nforma

[2] Fol.16 *et seq.*
[3] Dok. PC2 a fol.7
[4] Fol.8
[5] Fol.20 *tergo*

lid-depot li l-imputat kellu mus miftuh fuq is-sur u li ma kienx jaf lahaqx dahhlu fil-but. Fuq il-post wasslet unit tal-RIU, PC1010 u PC770, u xhin ressqu vicin l-imputat spiccaw fl-idejn mieghu.[6] Xhin resaq lejhom biex jassistihom ra lill-imputat jirrezisti l-arrest, itihom bis-sieq u jobzqilhom. Jiddeskrivi kif kellhom inizzluh mal-art u kien difficli li jigi mmanetjat ghaliex baqa jzomm idu taht zaqqu.[7] In kontro-ezami jikkonferma li qabel ma wasslu l-RIU l-imputat ghalkemm beda jghajjat f'wiccu ma refax idu fuqu. PC281 ma jichadx li seta' laqat lill-imputat fuq mohhu b'saqajh fil-hin li beda jisara maghhom minn mal-art meta. Madanakollu jichad li tella' siequ fuq rasu jew li offendieh.[8]

Illi **PS1010 Andrea Zahra** xehed li kienu gew infurmati li PC281 li lemah persuna suspettuza fil-Gnien Sir Luigi Preziosi fit-tarf tas-sur, u marru fuq il-post. Hekk kif kienu 1.5 metri l-boghod mill-imputat raw li f'idu kellu mus li bih kien qed jaqta' l-haxix minn fuq is-sur. Staqsewh kellux bzonn xi haga jew kellux xi problema izda dan qal *"you are the problem"*. Minkejja li ordnawlu diversi drabi biex inehhi l-mus dan rrifjuta u f'hakka t'ghajn aggredihom. *"Mill-ewwel gie ghalina…ma kellniex cans nuzaw la arma u lanqas taser"*. Waqt l-arrest soffra qtugh fil-pala ta' idejh u gidma hekk kif l-imputat beda jdahhal idejh that geddumu biex jipprevjeni l-arrest u is-surgent pprova jnehhielu. *"Kompla jaghti bis-sieq u jobzqilna f'wiccna…kompla jghidilna 'Allah hu akbar"*. Sakemm wasal jassistihom PC281 w ufficjali mid-distrett, l-imputat kompla jobzqilhom u jxejjer bis-sieq.[9] Ikkonferma li l-mus kien miftuh u li l-imputat nghata ordnijiet biex inehhieh minn idejh. *"Mhuwiex minnu"* li l-mus kien iddahhal fil-but mill-imputat.[10]

Illi **PC770 Terrance Sciberras** spjega kif gie msejjah mill-Control Room biex jassisiti li PC281 li kien ra persuna fil-vicinanzi tal-Ambaxxata Torka fejn kien ghassa u li ta ordnijiet lill-persuna li ma obdietx. Wasal fi Gnien Sir Luigi Preziosi ma PS1010 u raw lill-imputat fil-gnien jaqta' l-haxix bil-mus. Kif staqsewh jekk kellux xi problema dan dar ghal fuqhom bil-mus jixxejjer lejhom u qalilhom *"you are my problem, you are my problem"*. Inghata ordni jnehhi l-mus xi tlett darbiet izda dan ma obdiex. Malli avvicinawh hebb ghalih u ghas-surgent *"Gie min naha tieghu jaggredina*

[6] Fol.22
[7] Fol.24
[8] Fol.28
[9] Fol.30-31
[10] Fol34

*bil-mus"* u pprocedew ghall-arrest izda waqqaw mal-art u gie fuq il-pala ta' idu. Is-surgent sofra qtugh f'idejh minhabba li l-imputat kien ghadu bil-mus u anke ingiddem mill-imputat. Waqt li baqa' mmanettjat baqa' jghajjarhom u jobzoqilhom.[11] In kontro-ezami jikkonferma li l-mus inzamm miftuh anke wara li nghata ordnijiet *"biex inehhi l-mus minn idejh…fl-ebda hin ma dahhlu fil-but il-mus. Infatti s-surgent sofra qatghet f'idejh fiz-zewg idejh"*.[12]

Illi **WPS217 Alison Formosa** xehdet li l-imputat ma kienx licenzjat igorr armi.

Illi **Dr. Satya Brata** kkonfermat ic-certifikati medici mahruga minnha fejn [PC] Terrence Sciberras soffra offizi gravi u [PS] Zahra offizi hfief.[13] Fic-certifikat dwar Zahra jissemmew *"multiple lacerated wounds and abrasions over fingers of both hands"*.[14]

**Dan jikkorobora l-verzjoni tal-ufficjali tal-pulizija li l-mus kien inzamm miftuh u mxejjer lejhom mill-imputat u konsegwentement hija fuq ix-xhieda ta' dawn l-ufficjali li l-Qorti ser tistrieh. Il-verzjoni tal-imputat li l-mus kien gol-but tieghu u nhareg mill-pulizija ma taghmel l-ebda sens tenut kont il-lacerazzjonijiet subiti mill-kuntistabbli Zahra.**

Illi **WPS 173 Elisia Sicluna** spjegat li wara li l-imputat gie arrestat mill-RIU ittiehed lejn l-Ghassa tal-Belt. *"x'hin dahhalnieh fil-karozza beda' jghajjat 'Allah hu akbar' u x'hin pruvajna nwaqqfuh, bezaq ukoll. Beda' jobzoq …Jobzoq mhux lejna, jobzoq hekk, nahseb laqat is-seat jigifieri imma kien waqa' meta kien gewwa gol-karozza… pruvajna inwaqqfuh"*.[15]

Issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace**:[16]

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1) filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku

---

[11] Fol.40
[12] Fol.42
[13] Fol.62. Vide certifikati a fol.11-12
[14] Fol.11
[15] Fol.65
[16] Appell Numru 519/2015; Per Onor. Imhallef Dr Edwina Grima, 26 ta' Mejju 2016

(2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-ligi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi **Cheveau et Helie**, li isemmi il-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita', ma tistax tissussiti r-reita taht din id-disposijoni tal-ligi. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"
Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

"*Dana l-artikolu* (b'referenza ghall-artikolu 96) *jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti".*

Illi l-fatti specie ta' dan il-kaz jinkwadraw rwiehom perfettament fl-artikoli 96 u 97 tal-Kodici Kriminali aktar milli fl-artikolu 95. Ghalhekk il-qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba imputazzjoni.

Dwar il-hames imputazzjoni ssir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Jerken Decelis**[17] li huwa applikabbli ghall-kaz odjern ossia:

"L-imputat kien fid-dmir li, minghajr paroli u xenati zejda, jobdi l-ordnijiet legittimi li kienu gew moghtija lilu mill-Pulizija sabiex imur l-Ghassa ta' San Glijan. L-ordnijiet legittimi moghtija mill-Pulizija lic-cittadin ma humiex hemmhekk biex jigu kontestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-ricevent. Qeghdin hemmhekk biex jigu obduti – dejjem u minghajr dewmien, ghalkemm bla pregudizju ghad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama wara l-gustizzja intrinseka ta' dik l-ordni. Altrimenti jkun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd tagixxi kif trid u joghgobha minghajr hadd ma jista' jzommha jew irazzanha. Nigu fi stat ta' gungla – l-antitezi tal-ordni mehtiega biex il-hajja socjali tkun tista tezisti f'armonija relattiva.

L-atteggjament tal-imputat fil-konfront tal-Pulizija mill-ewwel deher li kien menefregista, ta' sfida, nonce aggressiv."

Illi fir-rigward tas-sitt akkuza l-artiklu 7 tal-Att dwar l-Armi jipprovdi:

Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 6 ma jgħoddux għal:

*(a)* mus li jkollu xafra li toħroġ mhux aktar minn tmien ċentimetri mill-maqbad u li jista' raġonevolment jitqies li jkun qed jinġarr bil-għan li jsir dak l-użu minnu bħal dak li soltu jsir minn mus;

Illi mill-provi migbura din l-imputazzjoni ma gietx soddisfacentement ppruvata tenut kont li ma ngabet ebda prova dwar il-qies tax-xafra.

Rigward l-ahhar imputazzjoni, fis-sentenza mohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999, fl-ismijiet **Il-Pulizija versus Maria Concetta Green**[18] inghad:

"L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.

L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-

---

[17] Deciza fit-22 ta' Novembru, 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

[18] Volum LXXXIII Part IV paġina 441

idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali."

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Noel Tanti** rriteniet kif gej:[19]

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali:**

"Il-Pulizija vs. Alfred Pisani" **[5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-*"common law*" Ingliza kien jissejjah "*a breach of the peace"* . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak lghemil.**

**Fl-Appell Kriminali** "Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" **[23.6.1994] umbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "*breach of the peace*" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890 , fl-ismijiet :** "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et." **kien qal hekk :-**

***"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato."*** **(Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).**

**Fl-istess sentenza ta'** Paul Busuttil **gew citati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li, fil-ktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992) , jghidu :-**

***"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In*** *Ferguson v. Carnochan* ***(1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in*** *Macmillan v. Normand* ***(1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192) .***

**u dik il-Qorti ziedet tghid li :-**

*"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh,* 1978):

[19] Appell Nru.46/2005; Deciza 5 ta' Mejju, 2005, per Onor Imhallef Dr. Joseph Galea Debono.

***"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para.41-01).***

***U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :-***

***"…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04).***

Ghaldaqstant fid-dawl tal-provi prodotti il-Qorti tqis l-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront tal-imputat ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi.

Illi fir-rigward tal-ewwel tlett akkuzi japplika l-principju ta' konkors formali ta' reati bil-piena l-aktar severa tkun dik ravvizata bl-artikolu 97 tal-Kodici Kriminali.

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset in-natura tar-reati li qed tinstab htija dwarhom, tal-fedina penali netta tal-imputat u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz senjatament dak li kkonstata l-Psikjatra Dr. Joe Cassar. Fir-rapport tieghu Dr. Cassar sab li l-imputat hu *"paranoiku ghall-pulizija u b'konsegwenza agixxa kif agixxa b'mod vjolenti"*.[20]

Fil-fehma tal-Qorti din il-paranoja ma tista' qatt tigi meqjusa bhala xi forma ta' skuzant ghall-agir irreprensibbli bhal dak tal-imputat li wettaq reati fuq persuni – ufficjali tal-pulizija - li huma t-tarka tac-cittadin li lejhom dan jirrikorri appena is-sigurta` tieghu tinhass mhedda jew meta rinfaccjat b'xi sitwazzjoni kerha, jekk mhux tragika, li ta' spiss il-hajja taf toffri. Reati simili jimminaw iz-zamma tal-ordni, u jivittimizaw lil dawk li lilhom gie fdat dan l-inkarigu. Jekk tali kondotta tithalla tiehu l-gheruq u timrah, fl-ahhar mill-ahhar ikun il-pajjiz li jisfa' l-akbar tellief fejn il-ligijiet tieghu jithallew jitfarrku w jigu kkalpestati b'impunita` kemm il-darba l-infurzar taghhom jithalla jidghajjef.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 17, 31, 96(a), 97, 214, 215, 216(1)(d), 217, 221(1)(2), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu IX tal-Liġijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba imputazzjoni w tillibera lill-imputat mis-sitt imputazzjoni, issibu hati tal-akkuzi l-ohra kollha u tikkundannah sentejn prigunerija u multa ta' ghaxart elef Ewro (€10,000).

---

[20] Fol.52

In vista tax-xewqa tal-imputat li jirritorna lejn pajjizu, il-Qorti tirrikmanda lill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni sabiex galadarba ikun serva l-piena fuqu imposta, jigi determinat x'mizuri jistghu jittiehdu biex l-imputat jigi rimpatrijat lejn pajjizu.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**